MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. MANDUCA PHILIP

Seduta ta' 14 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1574/2002

**Saviour sive Silvio Tanti**

**vs**

**Nicholsons The Supermarkets Limited**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas ta’ Lm657.93c (sitt mija u sebgha u hamsin lira Maltin u tlieta u disghin centezmi) liema somma tirraprezenta ammont dovut mis-socjeta konvenuta lill-attur, liema ammont jispetta lilu bhala tmien gimghat notice dovuti lilu kagun ta’, u mat-terminazzjoni ta’ l-impjieg tieghu mas-socjeta’ attrici, liema mpjieg gie unilateralment itterminat mis-socjeta’ attrici, u dana fl-ahhar ta’ Gunju, 2001.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru 1404/02 ipprezentat fil-Qorti tal-Magistrati fis- 17 ta’ Gunju, 2002 u

bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li s-socjeta konvenuta baqghet ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikata;

Sema’ lill-attur jikkonferma bill-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjes u bl-interessi skond il-Ligi.

**Dr. Philip Manduca LL.D**
**Gudikatur**